# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Marzu 2000**

**Numru 53**

**Citaz. numru 204/88 DS**

Mark Portelli
vs
Walter Zammit

Illum, 6 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Marzu 1988 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi biegh lill-konvenut diversi ggieget skond invoice 2500 tal-10 ta' Dicembru 1987;

Illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma bilancjali ta' hamest elef tlett mija u tletin lira (Lm5330);

Illi l-konvenut naqas milli jhallas lill-attur din is-somma anke wara li gie interpellat diversi drabi biex jaghmel dan;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u dispensa mis-smigh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici tal-organizzazzjoni u procedura Civili (Kap. 12) u in vista tal-affidavit ta' Mark Portelli:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm5330 oltre l-imghax legali;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi hafna mill-ggieget li gew ikkonsenjati ma kienux skond il-kampjun li fuqu kien sar il-ftehim u oltre dan in-numri ma kienux skond l-ordni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess is-somma mitluba mhix korretta.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn qal:

1. Illi llum huwa l-eccipjent li jinsab kreditur ta' l-attur ghaliex bejn pagamenti u oggetti ritornati l-attur ircieva indebitament minghand l-eccipjenti s-somma ta' Lm1960 aktar mill-kreditu minnu pretiz fic-citazzjoni odjerna.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Ottubru 1991 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Patrick Galea bhala perit legali;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu gie sostitwit ghall-imsemmi perit legali, l-Avukat Dottor Gianfranco Gauci;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-3 ta’ Mejju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda negozju li sar bejn il-partijiet fejn l-attur biegh lill-konvenut 716-il gakketta bil-prezz ta’ Lm10 kull gakketta. Dawn il-proceduri gew inizjati peress illi l-attur stqarr li kien ghad baqa’ bilanc x’jithallas ta’ Lm5330. F’dawn il-proceduri xehed biss l-attur, filwaqt li l-konvenut la xehed u lanqas ressaq provi in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet tieghu.

Meta l-attur xehed l-ewwel darba fis-seduta ta' l-20 ta' April 1988, qal li l-hlas kellu jsir permezz ta' pagamenti ta' Lm2500 erbat ijiem wara l-konsenja (peress li, skond l-attur, dakinhar tal-konsenja l-konvenut talbu li jhallsu erbat ijiem wara), Lm1000 fit-30 ta' Dicembru 1987 u Lm3660 fid-29 ta' Jannar 1988. Meta l-attur mar biex jithallas fl-14 ta' Dicembru 1987, talbu biex imur l-ghada u fil-15 ta' Dicembru l-konvenut halsu Lm920 ghax qallu li ma kellux flus u talbu discount ghax qal li kien sab 40 gakketta neqsin u in effetti tah discount ta' Lm160. Pagament iehor ta' Lm500 sar fil-15 ta' Jannar 1988 u dakinhar il-konvenut qallu li kien sab 25 gakketta ddanneggjata u l-attur tah discount ta' Lm250. Ma sar l-ebda pagament iehor u ghalhekk talab permezz ta' din ic-citazzjoni hlas tal-bilanc ta' Lm5330.

Kif diga' ntqal, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu u, nonostante li l-invoice li ghalih ghamel riferenza fix-xiehda tieghu ma tinsabx esebita ma' l-atti tal-kawza, jirrizulta li huwa kien qieghed jaghmel riferenza ghal tali invoice meta xehed quddiem il-Qorti (diversament presjeduta) u li ghalhekk setghet tikkontrolla dak li kien qed ighid l-attur. B'hekk hi soddisfatta li l-bilanc dovut f'April 1988 kien ta' Lm5330.

Fil-5 ta' Settembru 1990 il-konvenutipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepixxa li kien hu l-kreditur ta' l-attur peress li bejn pagamenti li saru u oggetti ritornati l-attur thallas indebitament is-somma ta' Lm1960.

Ghalkemm il-konvenut ma spjegax kif wasal ghal din il-figura, wiehed jista' jasal ghaliha mix-xiehda ta' l-attur tat-23 ta' Mejju 1991 quddiem l-assistant gudizzjarju Dr. Anthony DeGaetano. Hemm l-attur xehed li kien iltaqa' mal-konvenut u ma' Dr. Edward Debono u sar ftehim fis-sens li l-konvenut jirritorna 550 gakketta u jhallas Lm1000. Sa dakinhar il-konvenut kien hallas b'kollox Lm4400. Sussegwentement l-attur mar jigbor il-ggieget u sab 472 (209 kbar u 263 zghar). Ghalhekk jekk wiehed jiehu l-prezz inizjali tal-ggieget ta' Lm7160 u jnaqqas Lm4400 imhalsin u Lm4720 ggieget ritornati, isib li hemm eccess ta' Lm1960.

Pero' jidher li l-attur qed isostni li meta saret il-laqgha ghand il-konvenut, sar ftehim gdid kif diga' msemmi, cioe' li minflok il-konvenut ihallas il-bilanc ta' Lm2760, l-attur jiehu lura 550 gakketta u jithallas is-somma ta' Lm1000. Jigifieri li kien hemm novazzjoni ta' l-obbligazzjoni originali. Huwa qal li l-pretenzjoni tieghu issa hija ghal 78 gakketta li ma gewx ritornati jew il-valur taghhom u ghas-somma ta' Lm480 billi Lm500

thallsu u l-bilanc ta’ Lm500 irriducieh ghal Lm480 skond kambjala ghal Lm480 li jidher kienet imtliet in konnessjoni man-negozju originali.

Sfortunatament ma gewx esebiti d-dokumenti li rrefera ghalihom l-attur f’din ix-xiehda tieghu, cioe’ l-kambjala u anke nota bil-firma ta’ l-istore keeper tal-konvenut li turi n-numru ta’ ggieget rtirati. Mill-banda l-ohra ma ngabet l-ebda prova li tikkontradici dak li qed ighid l-attur. Gustament ghalhekk il-perit legali ezamina l-kwistjoni jekk bil-ftehim milhuq bejn il-partijiet sehhitx novazzjoni u allura x’inhuma l-konsegwenzi taghha.

L-artikoli relattivi tal-Kodici Civili jipprovdu hekk:

“1179. Hemm novazzjoni –
(a) meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca.”

“1180. ….
(2) Hija mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car.”

“1181. (1) Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla.”

Kif tajjeb qal il-perit legali, meta l-partijiet ma jiddikjarawx espressament jekk humiex qeghdin jinnovaw jew le, tali intenzjoni (jew nuqqas ta’ intenzjoni) trid tirrizulta oggettivament min-natura tal-ftehim li huma kkonkludew, b’mod li jrid jigi dezunt mill-ftehim stess jekk ikun jikkostitwixxi novazzjoni jew semplici varjazzjoni ta’ l-obbligi kontrattwali originali. L-attur hawn qieghed isostni li d-debitu ezistenti gie sostitwit b’debitu iehor ta’ Lm1000 u b’obbligu ta’ restituzzjoni ta’ 550 gakketta. Huwa jikkwota l- **Baudry-Lacantinerie** li jghid li “V’e` novazione quando e` mutato l’oggetto del debito”, u jirritjeni li minn dak li qal l-attur kien hemm bdil fl-obbligazzjonijiet tal-konvenut li jolqtu s-sustanza ta’ l-obbligazzjonijiet in kwistjoni. Ghalhekk meta l-konvenut assuma l-obbligu li jirrestitwixxi partita ggieget, inbidlet radikalment l-obbligazzjoni tieghu. Kieku ma kienx hekk u kien jinvolvi biss rexissjoni parzjali tal-ftehim originali, l-attur kien ikollu jirrifondi parti mill-prezz, Izda in effetti l-ftehim kien jikkomprendi wkoll il-hlas tas-somma ta’ Lm1000, li tista’ titqies bhala hlas ta’ kumpens. Ghalhekk kien hemm novazzjoni, cioe’ *“la sostituzione di una nuova obbligazione ad un’antica, che rimane estinta: **veteris obligationis in novam traslatio et confusio**”* (Toullier, Il Diritto Civile Francese, Vol. IV, p. 132, para. 270; ghal rassenja interessanti tal-gurisprudenza taghna dwar novazzjoni

wiehed jista' jirreferi ghall-kawza deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Kummercjali fit-22 ta' Novembru 1989 fl-ismijiet "Grezzju Bongailas vs Josephine Deguara et", Vol. LXXIII.ii.625).

Dwar l-effetti li tipproduci n-novazzjoni fuq proceduri pendenti u bazati fuq obbligi estinti, il-perit legali kkwota lil **Chiovenda** (Principi di Diritto Processuale Civile, 3a ed., Jovene, Napoli, 1923, p. 150-1) li l-Qorti se tirriproduci:

*"L'applicazione rigorosa del principio che 'la legge deve attuarsi come se cio' avvenisse al momento della domanda' porterebbe a due conseguenze pratiche: a) che il giudice non dovrebbe tener conto dei fatti estintivi del diritto posteriori alla domanda; b) che non dovrebbe tener conto dei fatti costitutivi del diritto e dell'azione posteriori alla domanda. Di questo rigore in entrambe le applicazioni ha tracce il diritto romano classico. Nel diritto moderno, questo rigore e' escluso affatto dal principio della economia dei giudizii. Conseguentemente il giudice pronuncia in base a quanto risulta alla chiusura della discussione, e quindi: a) assolve il convenuto se il diritto si e' estinto durante la lite (era gia' la massima dei sabiniani:* ***omnia iudicia esse absolutoria****); b) accoglie la domanda se il fatto su cui si fondava, si e' verificato durante la lite (****ius superveniens****). In questo secondo caso, conviene pero' che non si tratti di domanda nuova, secondo i principii della identificazione delle azioni. Nel primo caso, non potendo dichiararsi infondata la domanda, la definizione della controversia avviene 'per cessazione della materia del contendere'. In entrambi i casi, le spese della lite ricevono un regolamento speciale."*

Konsegwentement il-perit legali kkonkluda li ladarba l-kreditu bilancjali ta' Lm480 vantat mill-attur jinkwadra ruhu fit-termini tac-citazzjoni bhala dejn cert, likwidu u dovut, nonostante li derivanti minn obbligazzjoni succesiva u supervenjenti, tali kreditu ghandu jigi dikjarat u kkonfermat gudizzjarjament. Il-kreditu l-iehor vantat mill-attur konsistenti fid-dritt ghar-restituzzjoni ta' 78 gakketta ma jinkwadrax ruhu fit-talbiet attrici u ma jistax jigi pretiz li l-Qorti tillikwida ex officio l-valur korrispettiv ta' tali ggieget.

Il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni tal-perit legali ghar-ragunijiet esposti u ghaldaqstant t-talba attrici timmerita li tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' Lm480.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm480 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm480 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**